MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 1200/2010

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Mario Galea (K.I. 415765M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' seba' mija u tlettin ewro w tmienja u hamsin centezmu (€730.58) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici a bazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (dokumenti ta' rendikont annessi mat-talba) ghal servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat.

Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-pagament effettiv izda dan baqa' inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut fit-8 ta' Ottubru, 2010 mill-Avukat Charlene Briffa u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------